V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għall-proposti f'konformità mal-programm ta' ħidma multiannwali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja fil-qasam tal-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija fil-kuntest tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2014-2020

(Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (C(2017) 2109))

(2017/C 132/04)

Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea, qiegħed b'dan jiftaħ sejħa għall-proposti sabiex jitqassmu għotjiet f'konformità mal-prijoritajiet u l-għanijiet definiti fil-programm ta' ħidma multiannwali fil-qasam tal-infrastruttura trans-Ewropea tal-enerġija fil-kuntest tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2014–2020.

Qed jintlaqgħu proposti għal din is-sejħa:

CEF-Energy-2017

L-ammont indikattiv disponibbli għall-proposti magħżula fil-kuntest ta' din is-sejħa għall-proposti huwa ta' EUR 800 miljun.

L-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-proposti hija l-Il-Ħamis, **12 ta' Ottubru 2017**.

It-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti huwa disponibbli fuq il-paġna web tas-sejħa għall-proposti:

https://ec.europa.eu/inea/en/connecting-europe-facility/cef-energy/calls/2017-cef-energy-call-proposals